



Kunsill Ewropew  
Il-President

**STAMPA**

**MT**

**DISKORS**

EUCO 246/14

PRESSE 578

PR PCE 215

Ruma, 7 ta' Novembru 2014

**Herman Van Rompuy  
President tal-Kunsill Ewropew**

**"Ħarsa 'l quddiem, ħarsa lura"**

**Diskors fil-Konferenza "Dove va l'Europa" - "Is-Sitwazzjoni tal-Unjoni"  
(Accademia dei Lincei)**

Għandi l-pjaċir inkellimkom f'din il-Konferenza f'Ruma. F' Palazzo Corsini, post tal-arti u x-xjenzi..., u udjenza tant distinta. F'dawn l-aħħar ħames snin ġejt Ruma kemm-il darba, b'ħafna laqgħat memorabbli – f'Palazzo Chigi, fil-Quirinale... – iżda llum kuntent li qed nindirizza dan il-forum pubbliku.

Ninsabu fi staġun ta' tiġdid politiku għall-Unjoni Ewropea. Qed jinbada ċiklu ġdid ta' ħames snin: din il-ġimgħa bdiet il-Kummissjoni Ewropea l-ġdida; fl-1 ta' Diċembru, il-Kunsill Ewropew ser ikollu President ġdid, Donald Tusk, is-suċċessur tiegħi. U nsellem ukoll lill-Presidenza Taljana tal-Kunsill tal-ministri!

Fl-istess ħin, l-2014 hija sena ta' kommemorazzjonijiet – iċ-ċentinarju tal-Ewwel Gwerra Dinjija; fi żmien jumejn, il-25 sena mill-Waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin... – li kienet, kemm avveniment Ġermaniż, kif ukoll wieħed tassew Ewropew. Għaldaqstant huwa mument tajjeb għal "Ħarsa 'l quddiem, ħarsa lura".

B'riflessjoni tal-ispirtu tas-sessjoni tagħna – dwar "*Lo Stato dell'Unione*" –, nixtieq inżomm il-kummenti tiegħi relattivament panoramiċi. Nipproponi li noffri tliet serje ta' riflessjonijiet.

L-ewwel dwar il-kriżi ekonomika u s-sitwazzjoni ekonomika attwali;

It-tieni, xi lezzjonijiet prattiċi u istituzzjonali dwar il-kariga tal-President tal-Kunsill Ewropew, inkluż dwar ir-rwol ta' dan l-organu fil-politika estera;

It-tielet u l-aħħar: riflessjoni usa' ta' kif il-persuni jesperjenzaw l-Ewropa u kif l-Unjoni tista' tindokra u tipproteġi aktar.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja – dan huwa l-punt ta' tluq indispensabbli kemm biex inħarsu 'l quddiem kif ukoll lura. Il-ħames snin li ġejjin ser ikunu influwenzati neċessarjament mill-perjodu li qed inħallu warajna. L-Ewropa nbidlet. Dan kien perjodu diffiċli, xi kultant ta' wgiġħ. Ġiet ittestjata s-solidarjetà bejn il-pajjiżi tagħna. Iżda rnexxielna.

L-aktar lezzjoni importanti tal-kriżi taż-żona tal-ewro hi li għarafna bis-siġh l-interdipendenza tagħna. Dak li jgħri f'wieħed mill-pajjiżi tagħna, jista' jaffettwa lill-pajjiżi kollha. Id-destin ta' pajjiż ta' 10 miljun ruħ (bħall-Greċja) jinfluwenza ż-żona monetarja ta' 350 miljun, iva anki l-ekonomija globali. Il-gvernijiet irrealizzaw dan kollu, u ħadilhom ftit taż-żmien biex jagħmlu dan. U l-opinjoni pubblika skoprietu wkoll – fil-każ tagħha ħadilha saħansitra aktar żmien, li hija ħaġa naturali. Għelibna t-theddida eżistenzjali għaż-żona tal-ewro; irbaħna dik il-battalja – anki dik kontra l-Kassandri u l-ispekulaturi!

Il-lezzjoni importanti l-oħra li ħadna mill-kriżi kienet li, biex nindirizzaw din l-interdipendenza, kellna bżonn u għad għandna bżonn "aktar Ewropa" (ċertament fiż-żona tal-ewro). Irridu nsaħħu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

Ħafna mix-xogħol tal-aħħar snin kellu dan il-għan, u bħala riżultat illum għandna b'mod ċar arkitettura tal-UEM aktar b'saħħitha milli kellna ħames snin ilu. B'sorveljanza baġitarja u makroekonomika aħjar; bil-fondi ta' salvataġġ; kif ukoll, minn din il-ġimġha, bil-Bank Ċentrali Ewropew jissorvelja l-banek kollha fiż-żona tal-ewro. Dan hu l-bidu tal-unjoni bankarja – probabbilment l-akbar pass fl-integrazzjoni Ewropea mit-tnedija tal-ewro nnifisha.

Iżda ser jinħtieġ aktar, partikolarment fir-rigward tal-koordinazzjoni ekonomika. Ma jistax ikollok munita komuni u dsatax-il politika ekonomika li huma separati. Jinħtieġ minimu ta' konverġenza.

Dan huwa wieħed mid-dispjaċiri personali tiegħi. Fir-rigward tal-koordinazzjoni ekonomika, xtaqt li morna lil hinn milli konna kapaċi niddeċiedu li nagħmlu tul il-mandat tiegħi. Jien ippreżentajt proposta, li ma ġietx appoġġata biżżejjed. Iżda: wieħed jista' jinjora soluzzjoni, wieħed ma jistax jinjora problema.

Għalhekk m'inix sorpriż li diġà f'Diċembru, għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill Ewropew taħt is-suċċessur tiegħi, il-kwistjoni qed terġa' titressaq għad-diskussjoni. Din hija deċiżjoni tal-aħħar Summit taż-Żona tal-Euro li ppresedej, ġimagħtejn ilu.

Naturalment, illum id-dibattitu ekonomiku attwali qed jindirizza kwistjonijiet oħra. It-tkabbir, ir-riformi, it-tfittxija tal-bilanċ it-tajjeb, fil-pajjiżi u bejniethom. Il-kriżi ekonomika qed iddum aktar milli stennejna, jew li ttamajna, wara r-ritorn tal-istabbiltà finanzjarja għaż-żona tal-ewro fil-ħarifa tal-2012. Għaliex?

Fil-parti l-kbira, it-tkabbir huwa dgħajjef minħabba li l-potenzjali tagħna għat-tkabbir strutturali huwa dgħajjef, illum madwar 0.5%. Dan hu r-riżultat tal-livelli għolja tal-qgħad u l-livelli baxxi wisq ta' investiment. Wara kollox, it-tkabbir hu s-somma taż-żieda fis-siġhat tax-xogħol u l-produttività. Nuqqas ta' impjiegi u ta' investiment ipoġġi ż-żewġ fatturi taħt pressjoni. Għaldaqstant, ritorn "ċikliku" għat-tkabbir malajr jispiċċa fl-limiti strutturali.

Barra minn hekk, kien hemm fatturi esterni negattivi. L-inċertezza ġeopolitika taffettwa l-fiduċja fl-Ewropa, u l-prestazzjoni tal-pajjiżi BRICs – iktar dgħajfa milli kien previst fil-każ taċ-Ċina, dgħajfa għall-aħħar fil-każ tar-Russja u l-Brażil – ħallew l-effett tagħhom fuq l-esportazzjonijiet tagħna u għaldaqstant fuq it-tkabbir ibbażat fuq l-esportazzjoni ta' wħud mill-pajjiżi tagħna.

M'għandniex infittxu r-raġunijiet ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef fil-politika monetarja, li hija ħaġa akkomodanti. Lanqas m'għandhom jitfittxew fil-politika baġitarja, għaliex l-effett nett tal-baġits fuq it-tkabbir kien newtrali din is-sena. Fl-aħħar ftit snin, l-Ewropa wriet flessibbiltà baġitarja, billi saħqet aktar fuq id-defiċit strutturali milli fuq iċ-ċifri nominali tad-defiċits. Id-dewmien żejjed maqbul fl-2013 biex il-pajjiżi jinżlu taħt il-limitu ta' 3% tat-Trattat ta' Maastricht jagħti xhieda ta' dan.

Issa rridu nikkonċentraw fuq ir-riformi strutturali. Dawn huma meħtieġa fil-pajjiżi kollha (inkluża l-Ġermanja). Id-dinja tinsab f'tibdil permanenti: ħadd ma jista' jiddependi fuq l-isforzi tal-bieraħ jew il-kisbiet tal-lum.

Prijorità ewlenija hi li jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol. Il-ġlieda kontra d-duwalità bejn ta' ġewwa u ta' barra, bejn dawk li għandhom impjieg b'kuntratt fiss, u dawk li għandhom impjieg prekarju jew saħansitra ebda xogħol – ħafna drabi nisa, żgħażaġh, immigranti... Għal ħafna pajjiżi din id-duwalità hija spjegazzjoni ewlenija għaliex kien hemm żieda kbira fil-qgħad matul il-kriżi.

Riformi strutturali essenzjali oħra jikkonċernaw is-suq uniku (kwistjoni għal qalb is-Senatur Monti...), kif ukoll l-unjoni tal-enerġija, is-suq diġitali u naturalment il-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Ġimagħtejn ilu, fl-aħħar Kunsill Ewropew li ppresedajt, il-mexxejja laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea l-ġdid li tistimula investment addizzjonali għal volum sa 300 biljun ewro matul it-tliet snin li ġejjin. Ir-responsabbiltà tal-Istati Membri f'termini ta' riformi kif ukoll l-investimenti hija kbira. U tinsewx : l-istimolu tal-investimenti, f'termini ekonomiċi, ifisser li taġixxi kemm fuq il-lat tat-talba kif ukoll fuq il-lat tal-offerta!

Is-sitwazzjoni ekonomika attwali hija waħda kumplikata, għaliex mhux biss għandna tkabbir baxx wisq, iżda wkoll inflazzjoni eċċezzjonalment baxxa – fil-każ tal-pajjiżi taż-żona tal-ewro aktar milli fl-Istati Membri l-oħra. Dan jaffettwa kemm id-dejn pubbliku kif ukoll dak privat (li huma għoljin wisq), u għalhekk l-investimenti wkoll.

Għal dan ir-raġuni, kif għidt ftit tal-jiem ilu fil-Parlament Ewropew, għandna bżonn nimmobilizzaw il-mezzi, mingħajr ebda tabù, mingħajr biża', mingħajr ossessjonijiet, mingħajr ideoloġiji, b'taħlita ta' objettivi fuq perjodu qasir u fit-tul, u b'rispett għall-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Is-sistema soċjoekonomika kollha tagħna hi mibnija fuq it-tkabbir u x-xogħol. Kulħadd huwa konxju għall-aħħar minn dan.

Ippermettuli nżid kumment strateġiku wieħed. Jekk ma nistgħux nippreżentaw riżultati tanġibbli lill-poplu f'termini ta' tkabbir u ta' xogħol fis-snin li ġejjin..., jekk ma nistgħux nuru li dawn is-sagrifiċċji u l-isforzi kollha qed jagħtu l-frott..., l-idea Ewropea ser tkun taħt pressjoni qawwija ħafna.

Il-vot ewroxettiku f'Mejju li għadda ma jżommx lill-istituzzjonijiet tal-UE milli jiffunzjonaw. Iżda mingħajr il-perspettiva u t-tama għal ħajja aħjar, l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss u l-elezzjonijiet nazzjonali li ġejjin jistgħu jkunu diżastru. Għaldaqstant: hemm ħafna x'wieħed jitlef. Irridu nkunu konxji għall-aħħar ta' dan. Il-ħames snin li ġejjin huma kritiċi daqs kemm kienu l-ħames snin li għaddew.

Innutajt li kienu ser ikunu preżenti ħafna avukati distinti fl-udjenza, prattikanti u professuri –bħal Giuliano Amato (*il Dottor Sottile*) u Joseph Weiler li magħhom iddiskutejt fil-passat...Għaldaqstant ħsibt li jista' jkun ta' interess li naqsam ftit riflessjonijiet istituzzjonali dwar l-esperjenza tiegħi fil-kariga, u dwar kif sawwart ir-rwol.

Għalija, il-kariga kienet xi ħaġa ġdida daqs kemm kienet għal kulħadd. Ġejt elett fid-19 ta' Novembru 2009. Ma ninsiha qatt. Kont ħejjejt dikjarazzjoni għall-istampa li fiha esprimejt idea. Għadha ta' min tikkwotaha. Mhijiex ħaġa ta' kuljum li wieħed jista' jaqra dikjarazzjoni antika mingħajr ma jiħmar. Dak iż-żmien kont għidt: "*Kull pajjiż għandu jgħid rebbieħ min-negozjati. (..) Bħala President tal-Kunsill, ser nisma' b'attenzjoni lil kulħadd u ser niżgura li d-deliberazzjonijiet tagħna jissarrfu f'riżultati għal kulħadd.*" Għidt ukoll: "*Kien hemm ħafna diskussjonijiet dwar il-profil tal-president futur iżda profil wieħed biss huwa possibbli u huwa wieħed ta' dialogo, ta' unità u ta' azzjoni.*"

L-esperti legali fostkom jafu li t-Trattat tal-UE jstabilixxi r-rwol u l-kompiti tal-Kunsill Ewropew u l-President tiegħu fi ftit linji. L-organu m'għandux setgħa leġislattiva u mhuwiex involut fid-deċizzjonijiet amministrattivi eżekuttivi. Essenzjalment huwa organu politiku, li r-rwol tiegħu hu li jstabilixxi d-direzzjoni ġenerali. Jew fi kliem it-trattat, biex "*jipprovi l-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha*" u "*jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha*".

Il-vokazzjoni tal-istituzzjoni hija li żżomm il bogħod mill-attività ta' kuljum - l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jwettquha ħafna aħjar fil-qafas ormaj stabbilit tal-"Metodu tal-Komunità" - iżda jidħol fl-azzjoni minnufih meta jinqalgħu każijiet speċjali: bidla fit-trattat, l-istabbiliment tal-baġit, kif ukoll, il-ġestjoni tal-kriżijiet...

Fit-Trattat (u fil-punti impliċiti tiegħu) tinnotaw ukoll li l-President tal-Kunsill Ewropew għandu mandat relattivament qasir (sentejn u nofs, li jiġġedded darba), bl-ebda responsabbiltà baġitarja, l-ebda amministrazzjoni tiegħu u l-ebda dritt ta' haħtra, u grupp żgħir ħafna ta' persunal.

Pjuttost paradossali: il-Kunsill Ewropew huwa ġeneralment meqjus bħala l-ogħla awtorità politika fl-Unjoni iżda d-deskrizzjoni tal-funzjoni u l-kompetenzi formali tal-President tiegħu huma pjuttost vagi, anki minimi. Għalhekk ħafna jiddependi minn dak li tagħmel b'dan ir-rwol jew minn dan ir-rwol! Nista' npoġġi l-kliem b'mod differenti: dak kollu li ma kienx previst formalment, kellu jinħoloq informalment.

Il-punt tat-tluq huwa sempliċi: il-bini tal-fiduċja. Il-bini tal-fiduċja huwa fil-fehma tiegħi l-aktar biċċa xogħol importanti ta' President tal-Kunsill Ewropew. Il-bini tal-fiduċja fost il-mexxejja, fost l-istituzzjonijiet, fost il-pajjiżi: huwa l-bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi. Speċjalment meta d-deċiżjonijiet huma diffiċli u meta jridu jittieħdu b'kunsens, kif normalment huwa l-każ fil-Kunsill Ewropew.

Kif tinbena l-fiduċja? Billi wieħed jiltaqa' man-nies, billi jismagħhom, billi jqis il-fehmiet tagħhom. Pereżempju, jien għamiltu punt tul il-mandat tiegħi li nżur il-membri kollha tal-Kunsill Ewropew fil-belt kapitali tagħhom, fi prinċipju darba fis-sena. Meta titkellem mal-presidenti u l-prim ministri fl-ambjent tax-xogħol tagħhom - minn Helsinki sa Nikosija u minn Dublin sa Sofija - tieħu idea ħafna aħjar ta' dak li verament imexxihom. U bħala viżitatur regolari fil-palazzi tal-gvernijiet fi bliet kapitali oħrajn ma nistax ma ninnutax li ħafna minnhom jidhru, ma rridx ngħid stravaganti jew lussużi, iżda isbaħ mill-uffiċċji bi stil sovjetiku li għandna fi Brussell!

Dawn l-isforzi kollha biex tinbena l-fiduċja ħallew il-frott f'mument ta' bżonn, f'mument ta' kriżi. Sfortunatament, għexniehom. Il-kriżi tal-ewro u s-sitwazzjoni fl-Ukraina huma eżempji ċari. Ftit kliem fuq ir-rwol tal-Kunsill Ewropew f'dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet.

Huwa minnu li l-kriżi finanzjarja u ekonomika kienet qed tiġi trattata b'mod ċar ħafna mill-mexxejja nazzjonali tal-Ewropa nfushom - speċjalment fis-snin 2010-2012. Kien hemm żewġ raġunijiet ovvjati għal dan.

L-ewwel nett, kien hemm involuti ħafna flus. Il-kriżi tad-dejn pubbliku, bħall-kriżi bankarja qabilha, kienet teħtieġ l-użu tal-flus ta' min iħallas it-taxxa. Il-baġit komuni tal-UE huwa relattivament żgħir (bejn wieħed u ieħor wieħed fil-mija tal-PDG), b'hekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma setgħux jaġixxu b'mod deċiżiv weħidhom. L-Istati Membri kellhom jagħtu sehemhom. U l-ammonti kienu tant li f'ħafna mill-pajjiżi d-deċiżjoni setgħet tittieħed biss fl-ogħla livell politiku... fid-diversi Palazzo Chigi u d-diversi Quirinale madwar l-Unjoni tagħna... Il-ħtieġa għall-flus nazzjonali u għalhekk l-involviment tal-kapijiet nazzjonali u l-parlamenti nazzjonali kienu sempliċement fatti tal-ħajja.

It-tieni raġuni: fi żminijiet ta' kriżi il-limiti tal-istituzzjonijiet mibnija fuq kompetenzi attribwiti jintlaħqu malajr. L-Unjoni tista' taġixxi biss f'oqsma fejn il-gvernijiet b'mod konġunt ikunu tawha mandat biex tagħmel dan. Iżda meta nidħlu f'territorju mhux magħruf u jridu jiġu stabbiliti regoli ġodda, il-Kunsill Ewropew għandu pożizzjoni strateġika fis-sehem li jista' jagħti.

Iżda anki jekk ġejna mgieġhla nieħdu t-triq 'intergovernattiva', il-ħidma kollha li wettaqna fil-fatt irriżultat f'istituzzjonijiet ċentrali aktar b'saħħithom. Probabbli, il-Kummissjoni ngħatat setgħa mingħajr preċedent biex tiskrutinizza l-baġits u l-politiki ekonomiċi (dan qed narawh f'dawn il-ġimgħat...). Il-Parlament huwa aktar influwenti. Aktar kmieni din il-ġimgħa l-Bank Ċentrali Ewropew beda jissorvelja l-banek kollha taż-żona tal-ewro. Tali bidliet fil-kompetenzi naturalment jirrikjedu l-kunsens minn qabel tal-pajjiżi kollha involuti.

Dan iwassalni għar-rwol tal-Kunsill Ewropew fl-affarijiet barranin. Filwaqt li l-ewwel sentejn sa tlieta kienu ddominati mill-kriżi ekonomika, l-attenzjoni politika tagħna fl-aħħar sena marret aktar fuq id-dinja ta' madwarna. U b'mod partikolari l-Ukraina. Ovvjament.

Il-kriżi tal-Ukraina kienet u hija l-iktar theddida serja għas-sigurtà Ewropea minn tmiem il-Gwerra Bierda. L-invażjoni tal-Krimea, f'Marzu li għadda, immarkat bidla importanti. Ċertament kien hemm avvenimenti storiċi li seħħew fl-Ukraina qabel dik, u għad hemm - iżda dak kien avveniment deċiżiv. Meta tmiss il-fruntieri, tkun qed tilgħab mal-paċi.

Fil-bidu ta' Marzu, seijaht laqgħa urġenti dwar l-Ukraina. (Kienet biss it-tieni summit dwar l-affarijiet barranin, l-ewwel wieħed kien tliet snin qabel, dwar il-Libja, li ukoll kien importanti ħafna.)

Fil-laqgħa tal-Ukraina, wara l-Krimea, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa t-tweġiba tal-Unjoni. Lill-Ukraina: appoġġ politiku, mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u appoġġ għar-riformi. Lir-Russja: sanzjonijiet fuq tliet stadji biex tibdel l-imgħiba tagħha. Minn dak iż-żmien, bqajna fidili għal dan l-approċċ doppju.

Fir-realtà l-Kunsill Ewropew ma jittrattax ta' spiss l-affarijiet barranin. Ħafna drabi, ħafna Presidenti u Prim Ministri jħallu dan f'idejn il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tagħhom (bħalma, fi żminijiet normali, huma jippreferu jħallu kwistjonijiet finanzjarji f'idejn il-Ministri tal-Finanzi tagħhom!). Iżda meta s-sitwazzjoni ssir politika, meta ssir kwistjoni ta' stabbiltà fuq il-kontinent, ta' dipendenza fuq l-enerġija, ta' kif ser tolgot lir-Russja fil-laħam il-ħaj u b'hekk potenzjalment taffettwa l-ekonomija tagħna, imbagħad il-mexxejja nazzjonali kollha jridu jkunu involuti personalment, u hekk kien. U bla dubju, taħt is-suċċessur tiegħi Donald Tusk, dan l-involviment tal-mexxejja mal-Ukraina ser ikompli sakemm ikun meħtieġ. Il-ftehim reċenti dwar l-enerġija għax-xitwa kien pass pożittiv. Ir-rikonoxximent, mir-Russja, tal-hekk imsejħa elezzjonijiet f'Donbass, kien wieħed negattiv ħafna.

Għalhekk, mill-esperjenza tiegħi, huwa ċar li, meta jkun hemm il-persjoni, il-Kunsill Ewropew jista' jaġixxi. Meta verament irridu, huwa possibbli li 28 mexxej, 28 pajjiż jiġbdu ħabel wieħed. Mhux faċli, iżda huwa possibbli. Il-mistoqsija tiegħi llum hija, kif tista' tiġi ppreservata din il-kapaċità għall-azzjoni, għall-Ewropa, meta m'hemm l-ebda kriżi immedjata, meta m'hemm pressjoni esterna. Ser tkun ħafna aktar diffiċli.

Fi kwalunkwe każ, jiddependi mill-Kummissjoni Ewropea u s-sens tagħha ta' inizzjattiva, kif ukoll - minkejja wieħed x'jaħseb - jiddependi mill-abbiltà ta' Franza u l-Ġermanja, flimkien ma' oħrajn, biex isibu soluzzjonijiet komuni. Ċertament, huma biss żewġ pajjiżi, minn 28, iżda jirrappreżentaw żewġ modi ta' ħsieb politiċi u ekonomiċi fl-Unjoni, u jekk ma jkunx hemm huma li jaqblu fuq direzzjoni komuni, l-affarijiet isiru diffiċli ħafna.

Il-qbil tagħhom mhux kundizzjoni suffiċjenti, iżda ħafna drabi waħda neċessarja. Hu x'inhu, din hi l-esperjenza tiegħi. U kuntent inħalli f'idejn is-suċċessur tiegħi biex juri li jien żbaljat!

Hekk kif qed insemmi l-Ġermanja u Franza..., biex ma ninsewx lill-Italja u l-oħrajn, irrid insemmi wkoll lir-Renju Unit - anki hawnhekk fil-preżenza ta' Peter Mandelson. Fil-ħames snin li ġejjin, din ser tkun waħda mill-isfidi kruċjali. Irrid nagħmlu l-almu tagħna biex inżommu lill-Unjoni magħquda. "Aħjar flimkien!"

L-impressjoni tiegħi hi li Stati Membri oħra huma lesti jisimgħu, jitkellmu, jinnegożjaw jekk meħtieġ, dment li l-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni jiġu rrispettati.

Jekk tippermettuli nikkonkludi, fit-tielet u l-aħħar parti tad-diskors tiegħi, b'xi riflessjonijiet.

Hekk kif inħares lejn is-snin li għaddew u lejn is-sitwazzjoni ekonomika diżappuntanti, huwa ċar li l-"Ewropa" ma saritx popolari matul il-kriżi - pjuttost bil-maqlub. Huwa għalhekk li l-ħames snin li ġejjin huma importanti ħafna.

Iżda hemm ukoll kriżi tal-politika iġenerali, fil-livelli kollha. Hemm ukoll sens ta' skonfort ġenerali, wara l-kriżi finanzjarja, relatata mal-mod kif l-ekonomija tagħna jaħdmu, mat-tqassim tal-ġid, mal-piż tat-taxxa, maż-żieda fl-inugwaljanzi... Biex ma nsemmux ukoll il-biża' mill-globalizzazzjoni, mill-migrazzjoni, mill-vjolenza tal-fanatiċi.

Naturalment, ta' min nagħmluha ċara li il-partiti populistici qamu f'għadd ta' pajjiżi snin qabel it-tifqigħa tal-kriżi finanzjarja u l-kriżi tal-ewro. Kuljum, irridu niġġieldu, biex "insarfu l-biża' ftama".

Li hu żgur, hemm ukoll dimensjoni speċifika Ewropea ta' din il-problema. Iżda fil-fehma tiegħi, mhix biss dwar l-istituzzjonijiet u l-elezzjonijiet. Iktar importanti, huwa tajjeb li wieħed iħares lejn kif in-nies jipperċepixxu u jirrelataw mal-Unjoni. Kif jesperjenzawha. U nixtieq niżviluppa dan il-punt biex nikkonkludi.

Il-punt tat-tluq hu osservazzjoni ta' dwejjaq. Jidher li n-nies issa qed jaraw l-Ewropa bħala r-raġuni għaliex iħossuhom ma jistgħu jagħmlu xejn u li m'humiex involuti - għall-kuntrarju l-Unjoni kienet preċiżament maħluqa biex tagħtihom aktar saħħa u biex jerġgħu jieħdu f'idejhom l-istorja tagħhom stess.

Mod kif nifhmu din id-diżillużjoni pubblika aħjar - kif sostnejt f'Mejju li għadda f'diskors f'Aachen meta rċevejt il-Premju Charlemagne - huwa li naraw kif l-Unjoni hija l-ewwel nett esperjenzata min-nies bħala spazju u qajla bħala post. Spazju u post m'humiex eżattament l-istess ħaġa. Post iġib il-protezzjoni, l-istabbiltà u sens ta' appartenenza. Huwa dar, fejn in-nies iħossuhom id-dar. Spazju min-naħa l-oħra jġib miegħu moviment u possibiltajiet. Dan jirrigwarda direzzjoni, veloċità u ħin. Bħala bnedmin, għandna bżonn tat-tnejn. Spazju li fih intiru, u bejta li nistgħu nsejnhulha tagħna. Aħna ħlejjaq sempliċi ħafna!

Mal-Ewropa, il-fokus dejjem kien fuq l-ispazju. Aħsbu ftit fuqha. Sa mill-bidu nett, l-azzjoni tipika kienet li jitneħħew il-fruntieri, għall-oġġetti, il-ħaddiema, l-investment, biex in-nies u l-kumpaniji jiċċaqilqu, jieħdu inizzjattivi u jaħtfu l-opportunitajiet. Anke llum - f'oqsma differenti bħall-enerġija, it-telekomunikazzjoni jew l-ekonomija diġitali - l-għan għadu li jitneħħew il-fruntieri, u jinħoloq spazju kbir komuni.

Iżda qatt ma qisna l-Ewropa bħala dar, post kenni, u llum qed inħallsu ta' dan. Għal deċennji sħaħ dan hađem sew. Il-fruntieri miftuħa ġabu magħhom opportunitajiet kbar, għal xogħol, negozju u studju barra mill-pajjiż. U l-impatt tal-ftuħ kollu ttaffa mill-biċċa l-kbira - bit-tkabbir ekonomiku, u bis-sistemi soċjali, stabbiliti b'mod parallel.

B'mod kruċjali, it-tqassim tax-xogħol matul dawn is-snin kien li l-Ewropa nfetħet, u l-gvernijiet nazzjonali pproteġew. Ħadd ma stenna mod ieħor. Iżda l-affarijiet inbidlu. Il-globalizzazzjoni tefgħet piż fuq is-sistemi soċjali. Il-kriżi ġiegħelet lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jieħdu rwol ġdid.

Ir-riżultat huwa bidla drammatika u rapida: filwaqt li għal deċennji sħaħ l-Ewropa kienet il-ftuħ, il-liberazzjoni, it-tneħħija tas-sokra, l-emanċipazzjoni, l-awtodeterminazzjoni... illum dan f'daqqa waħda jitqies bħala ndħil, ġudizzju, preskrizzjoni, impożizzjoni, korrezzjoni, saħansitra kastig... l-Ewropa, dik li 'fetħet' bil-kbir l-opportunitajiet issa qed titqies minn ħafna bħala 'dik li ħadd m'għandu pjaċir biha', il-ħabiba tal-libertà u l-ispazju issa qed jitqies bħala theddida għall-protezzjoni u l-post.

Jeħtieġ li jkollna bilanċ tajjeb. Huwa essenzjali li l-Unjoni tkun ukoll fuq in-naħa li tiproteġi. Huwa urġenti li l-Unjoni ma titqiesx bħala waħda li qed jibbenefikaw minnha n-negozji biss, iżda wkoll l-impjegati; mhux biss "dawk li jiċċaqilqu" iżda wkoll "dawk li ma jiċċaqilqux"; mhux biss dawk bidiplomi u bil-ħiliet lingwistiċi, iżda ċ-ċittadini kollha; u n-nies mhux biss bħala konsumaturi, li jħobbu l-prodotti rħas u għażla kbira, iżda wkoll bħala ħaddiema, li fl-oħrajn jaraw kompetituri għall-impjegi tagħhom.

Kif nistgħu nsibu l-bilanċ it-tajjeb? Fir-rigward tal-protezzjoni, in-nies jistennew żewġ affarijiet mill-Unjoni Ewropea.

L-ewwel, li l-Unjoni tintervjeni fi problemi li l-pajjiżi individwali mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex jiġġieldu waħedhom. Rigward kwistjonijiet globali u transkonfinali, in-nies verament jixtiequ l-Ewropa tiddefendi l-interessi tagħhom u żżomm it-theddid 'il bogħod. It-tieni, fejn l-awtoritajiet nazzjonali qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu dak li hemm bżonn, in-nies jistennew li l-Unjoni ma tintervjenix. Tabilħaqq hemm każijiet, fejn preċiżament minħabba d-daqs tagħha, l-Unjoni għandha timxi bil-mod. Ma tfixkilx, iżda tirrispetta l-punti familjari tal-protezzjoni u l-appartenenza - mill-għażliet nazzjonali dwar is-sistema soċjali, sat-tradizzjonijiet u l-identitajiet reġjonali, sal-ġobon lokali.

Minn din il-perspettiva, il-messaġġ ta' ċittadini lill-Unjoni huwa ċar. *"L-Unjoni għandha tkun aktar b'saħħitha fuq barra, u turi aktar interess fil-benessri ta' kulħadd fuq ġewwa."* Għaliya, din hija waħda mill-isfidi prinċipali li hemm fil-futur biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tan-nies fl-Unjoni. U jien ninsab ċert li t-tim il-ġdid tat-tmexxija ser jindirizza din ir-responsabbiltà importanti b'determinazzjoni. Grazie. Grazie.

---